MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 839/2007

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**-vs-**

**DJ Burgess Ltd**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li bih s-socjetà attrici talbet li s-socjetà konvenuta tigi kkundnanata thallas is-somma ta' tliet mija u disgha u hamsin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm359.16c) li huma ekwivalenti ghal tmien mija u sitta u tletin Euro u tnejn u sittin centezmu (€836.62) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha. Illi ghalkemm is-socjetà konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti u ghalhekk ipprezentat din il-kawza u qieghda titlob li jithallsu wkoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2005 bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data ta' pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjetà konvenuta li biha wiegbet li t-talba attrici hi preskritta ai termini tal-ligi bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (2148(A) tal-Kodici Civili Kap. 16) u bil-preskrizzjoni ta' sentejn (2149(A) u (C)). Illi in oltre t-talba hija preskritta wkoll bil-preskrizzjoni ta' hames snin (Artikolu 2156) oltre preskrizzjoni ohra indikata fuq.

Illi b'hekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni. Illi intant l-atturi kisru l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

Sema' x-xhieda ta' Bernadette Spiteri, Ramona Mamo Degiovanni u Noeline Miggiani.

Ra l-atti kollha tal-kawza u sema' t-trattazzjoni ta' Dr Veronica Aquilina ghas-socjetà attrici u P.L. Pauline Mallia ghas-socjetà konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjetà konvenuta utilizzat is-servizzi tas-socjetà attrici billi s'Ottubru 1999 kienet tixtri *air-time* tat-televizjoni, thejji l-programmi li jkunu ser jigu mxandra matul dak l-*air-time* u sadanittant ukoll, biex dan jigi debitament finanzjat, kienet issib l-*adverts* li jigu mxandra *pari passu* mall-istess programm. B'hekk is-sistema kienet illi s-socjetà attrici tipprovdi l-*air-time* u xxandar il-programm li jkun gja ppreparat mis-socjetà konvenuta u da parti taghha s-socjetà konvenuta tiffinanzja ruhha billi tbiegh *advertising spots* matul il-programm u tigbor ir-*revenue* ta' dawn l-*advertising*.

Il-kalendarju televiziv dak iz-zmien kien jibda f'Ottubru u ghal Ottubru 1999 kien gie miftiehem bejn is-socjetà konvenuta u s-socjetà attrici li hija tkompli bil-programm taghha li kien jismu 'Gallarija' izda l-ghada li gie mxandar l-ewwel programm, s-socjetà konvenuta giet infurmata illi l-PBS kienet bidlet is-sistema u bdiet tesigi illi r-*revenue* tal-bejgh tal-*adverts* jithallas lilha direttament.

Is-socjetà konvenuta oggezzjonat ghaliex b'hekk hija ma jkollhiex *revenue* biex tissussidja l-programmi taghha u ghalhekk is-socjetà konvenuta ddecidiet biex ma tkompliex ixxandar dan il-programm u in oltre, sostnit illi minhabba f'din id-decizjoni tal-PBS hija sofrit danni ghaliex kienet inkorrit certu *initial expenses* biex thejji u tfassal sensiela ta' programmi li certament ma kinitx taghmel kieku kienet giet avzata minn qabel li l-PBS ser tiehu dak il-pass.

Wara dakinhar, iz-zewg kumpanija xorta baqghu jinnegozjaw flimkien izda kien hemm parti minn dan il-kont tal-1999 li baqa' dejjem *outstanding* minhabba f'din il-vertenza.

Is-socjetà attrici qieghda titlob il-hlas ta' dan il-bilanc mentri s-socjetà konvenuta qieghda ssostni illi hija m'ghandiex thallas dan il-bilanc minhabba li hija nkorriet danni kif fuq spjegat u in oltre ssostgni li sussegwentement kien hemm ftehim ma' Eric Vella Bonnici tal-PBS li dan il-kont jigi *written off* talli s-socjetà konvenuta kienet ghienet lill-PBS sabiex tigbor ir-*revenue* mill-*adverts* u li kienet qed issib xi diffikultajiet dwarhom.

Is-socjetà konvenuta qieghda tqajjem numru t'eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (2148(a)), sentejn (2148(a) u (c)) u hames snin (2156) tal-Kodici Civili izda t-Tribunal ihoss illi l-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ghandha tigi akkolta u dan billi minkejja din il-vertenza, mill-ezami tal-prospett imhejji mit-Tribunal li jinsab a fol 47 tal-process kif emendat wara li saret in-nota konguntiva tal-partijiet tat-12 ta' Mejju, 2008, jirrizulta illi bejn il-partijiet kien hemm kont kurrenti u fl-istess kont hemm transazzjonijiet li huma debiti u krediti u l-ahhar transazzjoni hemm indikat huwa dak tat-13 ta' Marzu, 2006 meta s-socjetà konvenuta ghamlet pagament akkont ta' hames mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm527.58c) u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi sa dakinhar il-preskrizzjoni lanqas ma kienet bdiet tiddekorri u konsegwentement galadarba bejn dakinhar u l-prezentata tal-kawza ghaddew ghoxrin xahar certament l-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni sollevata referibbilment ghall-Artikolu 2149 (a) u (c) u 2156 tal-Kodici Civili ghandhom jigu michuda.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili it-Tribunal ukoll huwa tal-fehma illi din l-eccezzjoni wkoll m'ghandiex treggi billi s-servizz provdut mis-socjetà attrici ma taqa' taht l-ebda wahda mill-intraprizi msemmija taht dan l-Artikolu u f'kull kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz ghandu japplika l-Artikolu 2151 liema artikolu jistipola preskrizzjoni ta' hames snin.

Konsegwentement l-eccezzjonijiet kollha tal-preskrizzjoni qieghdin jigu michuda.

Fir-rigward tal-mertu però t-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz il-PBS kienet inadempjenti fl-obbligi taghha lejn is-socjetà konvenuta meta hija hesrem bidlet il-ftehim li kien sar mas-socjetà konvenuta dwar il-programm fuq imsemmi 'Gallarija'. Is-socjetà konvenuta kienet sostnit illi hija kienet ghall-bidu sejra taghmel kawza kontra l-PBS izda irrejalizzat illi kieku taghmel hekk kienet tkun qieghda tippregudika lilha innifisha – kif qalet l-istess Noeline Miggiani, "*shooting myself in the foot*", u ghalhekk ippreferew illi jsolvu l-problema b'negozjati u fil-fatt it-Tribunal huwa konvint u jhoss li gie debitament ipprovat illi verament sehh il-ftehim bejn is-socjetà konvenuta u s-socjetà attrici tramite Noeline Miggiani mill-parti 'l wahda u Eric Vella Bonnici min-naha l-ohra u li bejniethom kienu ftiehmu illi l-bilanc dovut fuq l-invoice tal-1999 kellu jigi *written off*. L-ilment tas-socjetà konvenuta fir-rigward kien wiehed rejali u l-istess socjetà konvenuta ghazlet li tuza mezzi diplomatici sabiex tirrisolvi l-problema minflokk ma tirrikorri ghall-proceduri litiguzi – agir li ghandu jigi nkoraggat bejn zewg kummercanti li jkunu bi hsiebhom ikomplu jinnegozjaw flimkien.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda izda minhabba c-cirkostanzi

partikolari tal-kaz ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici b’dan illi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------